15-IL SENA ILU MIET ERIC DA RIN

# Ambaxxatur tal-Italja f'Malta (1975-78)

## Snin wara xtara dar f'Ħal Balzan u għex u miet hawnhekk. Midfun fl-Addolorata

**Raymond Miceli**

Nhar is-Sibt 22 ta' Jannar 2005, jiġifieri bħal għada 15-il sena ilu, miet l-eksambaxxatur tal-Italja f'Malta Eric Da Rin. Kulma dam ambaxxatur kienu mas-sentejn u nofs biss, madankollu lil Malta laħaq ħabbha u għaldaqstant saħansitra xtara dar privata għalih f'Ħal Balzan u wara li miet spiċċa midfun fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata f'pajjiżna.

Twieled fi Tripli fil-25 ta' Awwissu 1924, dak iż-żmien kolonja Taljana, iben Mario Orazio u Hester Maria xebba Kievit. Il-koppja kellhom tlett itfal, b'Eric ikun il-kbir.

Eric iggradwa mill-Università ta' Ġenova fl-1951 u minnufih daħal fil-korp diplomatiku tal-Italja. Sena qabel, jiġifieri fl-1950, iżżewweġ lill-Awstraljana Naida xebba McLaren

F'dan is-settur okkupa diversi karigi. Fl-1952 inħatar Viċi-Konslu f'Tuneż, fl-1954 it-tieni segretarju fl-ambaxxata fi Tripli u fl-1959 l-ewwel segretarju fl-ambaxxata f'Ottowa, il-Kanada.

Fl-1962 issejjaħ lura l-Italja u ħadem għal sentejn fil-Farnesina fejn kien jokkupa l-kariga ta' Kap tas-Segretarjat tad-Direttur Politiku, biex sentejn wara ntbagħat bħala konsulent fl-Ambaxxata tal-Italja f'Canberra, l-Awstralja.

Fl-1967 imbagħad intbagħat f'ambaxxata ta' Pariġi mnejn ftit ta' żmien wara kien nominat bħala Kunsillier jirrappreżenta lill-Italja fin-Nato fi Brussels.

Issejjaħ mill-ġdid Ruma fl-1972 fejn inħatar Kap tas-Servizzi tan-Nato fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Taljan, mnejn imbagħad waslet il-ħatra tiegħu ta' ambaxxatur tal-Italja f'Malta.

Ippreżenta l-kredenzjali tiegħu lill-President Anthony Mamo nhar l-14 ta' Ottubru 1975. Għal din l-okkażjoni, Eric kien akkumpanjat minn G, Scalici, l-ewwel segretarju fl-Ambaxxata Taljana f'Malta u mill-attache kulturali Carlo Dorigo. Kif inhi l-użanzi ta' meta kull ambaxxatur barrani jippreżenta l-kredenzjali, dakinhar stess iżda filgħaxija Eric Da Rin u martu kienu mistednin tal-President u s-Sinjura Mamo għal ikla fil-Palazz ta' San Anton.

Fost l-ewwel avveniment ta' importanza kbira fir-relazzjonijiet ta' bejn Malta u l-Italja fiż-żmien li Da Rin kien ambaxxatur kien hemm iż-żjara uffiċjali tal-President tal-Italja Giovanni Leone fil-5 ta' Diċembru ta' dik l-istess sena, jiġifieri daqs tliet ġimgħat biss wara li Da Rin ippreżenta l-kredenzjali. Naturalment l-Ambaxxatur mar jilqgħu fl-ajruport ta' Ħal Luqa. Mal-President kien hemm ukoll martu Vittoria, kif ukoll il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Taljan, Mariano Rumor.



Eric Da Rin (1924-2005)

Tajjeb wieħed iffakkar li dak iż-żmien f'Malta kien hawn il-Missjoni Militari Taljana li kienet involuta f'ħidma fost oħrajn ta' taħriġ tal-Forzi Armati kif ukoll ta' nies ċivili li jagħżlu li jidħlu f'xi korpi u li jagħmlu xogħlijiet fit-toroq u servizzi oħra.

Kien qed joqrob ukoll il-31 ta' Marzu 1979, għeluq tal-preżenza tal-bażi Ingliża f'Malta u l-Gvern ta' dak iż-żmien ta' Mintoff kien qed jara kif jakkwista garanziji għan-newtralità ta' Malta biex ma tispiċċax iżolata.

Intant f'Marzu 1978 ġraw żewġ inċidenti li kellhom iħallu impatt fuq Eric Da Rin f'Malta. Fis-16 tax-xahar fl-Italja nħataf mill-Brigate Rosse l-politiku minn dejjem ħabib ta' Malta Aldo Moro, li kien mill-partit tad-DC, li magħhom kien affiljat il-Partit Nazzjonalista Malti. Għaldaqstant il-PN ħass li kellu jorganizza rally ta' solidarjetà ma' Moro fid-Dar Ċentrali. Fost dawk mistiedna għal dan ir-rally kien hemm l-Ambaxxatur tal-Italja li dan saħansitra għamel diskors li min-natura tiegħu ma kienx xi wieħed politiku. Skont ma jirrakkonta Eddie Fenech Adami fil-ktieb awtobijografiku tiegħu 'My Journey' li kien ippubblikat fl-2014, minħabba l-parteċipazzjoni ta' Da Rin f'dan ir-rally, l-għada stess l-Ambaxxatur wasallu messaġġ mill-Prim Ministru Malti Dom Mintoff li kien se jibda jqisu bħala 'persona non grata'.

Filwaqt li din tal-'persona non grata' hi kollha minnha, u minn dak iż-żmien Mintoff beda bil-manuvri tiegħu biex Da Rin ma jibqax ambaxxatur hawn Malta, jidher li iżda kien hemm episodju ieħor li forsi ma tantx kien magħruf, ta' lanqas dak iż-żmien.

Ukoll f'Marzu 1978, Dom Mintoff, li kien ħabib sew tad-Deputat Nazzjonalista Mario Felice, kien ħeġġeġ lil dan tal-aħħar biex bil-kuntatti mill-aqwa li kellu mal-Istati Uniti jmur ikellem lir-rappreżentant prema-nenti tal-Istati Uniti għan-Nato, William Ṭapley Bennett, biex forsi Malta tikseb l-appoġġ tal-Istati Uniti għal dak li Mintoff kien qed issejjaħ bħala pakkett ta' għajnuna finanzjarja minn pajjiżi barranin biex Malta tkun tista' żżomm in-newtralità tagħha.

F'każ li Felice jirnexxielu jagħmel dan, l-appoġġ tal-Istati Uniti, żgur li jkun ta' imbuttatura kbira biex jagħmlu l-istess l-Italja, il-Ġermanja u Franza, li Mintoff kellu tamiet kbar dwarhom.

Jidher li Mario Felice qatt ma informa lill-Partit tiegħu stess dwar dak li kien qed jipprova jagħmel għal Mintoff.

Minħabba l-involviment tat-tliet pajjiżi msemmija minbarra l-Istati Uniti, Da Rin bħala ambaxxatur tal-Italja f'Malta, kien informat dwar dan. Skont kitbiet li dak iż-żmien inżammu sigrieti mill-Istati Uniti u li saru pubbliċi fl-2015 minħabba li kien għadda ż-żmien stipulat, jidher li waqt laqgħa li kellu Da Rin ma' mal-Viċi Kap tal-Partit Nazzjonalista Guido de Marco, dan qallu biż-żjara li għamel Felice għan-nom ta' Mintoff f'Washington.

Mintoff kien ilmenta dwar dan mal-ambaxxatur Amerikan f'Malta, Bruce Laingen.

għal paġna 17



117 Triq il-Kbira, Ħal Balzan. Id-dar b'ġonna kbar li kien igħix fiha hawn Malta Eric da Rin

# Bejn l-1981 u l-1985 serva fil-kariga importanti ta' Deputat Segretarju Ġenerali tan-Nato

**minn paġna 16**

Dan min-naħa tiegħu qal lil Mintoff li iva Da Rin, bħala l-ambaxxatur ta' pajjiż alleat kien infurmat dwar il-missjoni fdata f'idejn Felice, bħalma kien informa wkoll lill-Kummissarju Għoli tal-Ingilterra f'Malta, madan-kollu dan ma kienx tagħrif li kellu jitwassal għal widnejn xi Maltin.

Mintoff din l-istorja kien ħadha ġewwa u ma kienx kuntent qabel ma ra li Da Rin jissejjaħ lura l-Italja u jintbagħat ħadd-ieħor bħala ambaxxatur f'Malta.

Intant, wara Malta, Da Rin intbagħat ambaxxatur f'Ankara fit-Turkija fl-1979, biex fl-1981 imbagħad ingħata l-ogħla kariga li okkupa tul il-karriera tiegħu, dik ta' Deputat Segretarju Ġenerali tan-Nato, kariga li okkupa għal erba' snin. Meta temm din il-kariga ntbagħat ambaxxatur l-Awstralja, post li wkoll naturalment kien għal qalbu għal fatt li martu hi minn dak il-pajjiż.

Minkejja li mill-inkarigu tiegħu ta' ambaxxatur f'Malta forsi ma spiċċax bl-aħjar mod, lil Malta baqa' jħobbha u kellu għadd ta' ħbieb hawn. Kien għalhekk li ddeċieda li jixtri dar fi Triq il-Kbira Ħal Balzan kantuniera ma' Sqaq Nru 2, faċċata tal-kappella ta' Santa Marija, li llum tintuża bħala kappella għall-adorazzjoni.

Minkejja li kellu dar oħra fid-Dolomiti, spiss kien iqatta' x-xhur hawn Malta sa ma miet fl-2005. Kellu ġonna kbar fejn seta' jokkupa ħinu jieħu ħsiebhom, wieħed mid-delizzji kbar tiegħu. Spiss kien jistieden in-nies għandu għal ikliet u biex ikollu ma' min jgħid kelma. Kien iħobb ukoll il-qari u jipprattika l-isport tat-tennis. Involva ruħu wkoll fil-ħajja *soċjali* Maltija u kien membru tal-Każin San Gabriel ta' Ħal Balzan stess.

Martu Naida mietet f'Ruma ftit anqas minn 8 snin wara żewġha. Għandhom żewġt itfal, Daniele u Georgina.



Eric da Rin, l-ewwel wieħed fuq ix-xellug, meta fit-13 ta'; Awwissu 1976 il-Parlament Malti beda jiltaqa' f'sala li saret apposta fil-Palazz il-Belt u baqgħetx tintuża s-Sala tal-Arazzi. Da Rin kien qiegħed hemm bħala rappreżentant tal-Gvern Taljan.







(Ritratt fuq) Fejn jinsab midfun Eric Da Rin fiċ-Ċimiterju tal-Addolarata u (xellug) dettall tal-lapida tiegħu